



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

13813/21

LIMITE

CORLX 609
CFSP/PESC 1083
COARM 226
CODUN 59

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/...

ta'...

**dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ
għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA) ġie adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fit-2 ta' April 2013 u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma Stati Parti għat-TKA (l-Istati Parti).
- (2) It-TKA għandu l-għan li jistabbilixxi l-oġġla standards internazzjonali komuni possibbli biex jirregola l-kummerċ legali ta' armi konvenzjonali u biex jipprevjeni u jeradika l-kummerċ illeċitu tal-armi konvenzjonali u jipprevjeni d-devjazzjoni tagħhom. L-isfidi prinċipali huma l-implimentazzjoni effettiva tiegħu mill-Istati Parti u l-universalizzazzjoni tiegħu, filwaqt li jinżamm preżenti li r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-armi hija sforz globali. Biex jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' dawk l-isfidi, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/768/PESK¹ fis-16 ta' Diċembru 2013, biex b'hekk kabbar il-portafoll tal-Unjoni ta' assistenza relatata mal-kontroll tal-esportazzjoni b'attivitajiet speċifiċi għat-TKA. Dik id-Deċiżjoni kienet segwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915² tad-29 ta' Mejju 2017 dwar l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-TKA.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 56).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 139, 30.5.2017, p. 38).

- (3) L-attivitajiet imwettqa skont id-Deċiżjonijiet 2013/768/PESK u (PESK) 2017/915 għenu lill-pajjiżi sħab ikopru firxa kbira ta' oqsma rilevanti għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' sistema nazzjonali ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi kif meħtiegħ mit-TKA. Ċerti pajjiżi sħab għew identifikati bħala maturi u ser jitneħħew gradwalment mit-tielet fażi tal-proġett jew mhux ser jiġu inklużi fiha. Għet żviluppata kooperazzjoni ma' għadd ta' pajjiżi benefiċjarji li ma kienux għew indirizzati qabel taħt attivitajiet oħra tal-Unjoni ta' assistenza relatata mal-kontroll tal-esportazzjoni, u b'hekk għet riflessa n-natura globali tat-TKA. Huwa rakkomandabbli li jsir segwitu ma' wħud minn dawk il-pajjiżi benefiċjarji biex jiġi żgurat li l-progress ikun sostnut u tithegħgħegħ is-sensibilizzazzjoni fil-livell reġjonali minn dawk il-pajjiżi stess.
- (4) Minbarra l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ma' dawk il-pajjiżi sħab li huma msemmija fl-Anness, huwa rakkomandabbli li jiġi segwit approċċ immexxi mid-domanda fejn l-attivitajiet ta' assistenza jistgħu jiġu attivati fuq talba ta' pajjiżi li jkunu identifikaw ħtiġijiet marbuta mal-implimentazzjoni tat-TKA. Tali approċċ wera li kien ta' suċċess fl-għoti ta' assistenza lil pajjiżi li esprimew impenn u sjieda fir-rigward tat-TKA permezz tat-talbiet tagħhom għal assistenza mill-Unjoni. Għalhekk, din id-Deċiżjoni żżomm għadd speċifiku ta' attivitajiet li ser ikunu disponibbli għal pajjiżi fuq talba, inkluż pajjiżi li għadhom mhumiex parti għat-TKA.

- (5) L-assistenza tal-Unjoni pprovduta skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1464¹ dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi tindirizza għadd ta' pajjiżi qrib tal-Unjoni, fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar. L-Unjoni tappoġġa lis-Segretarjat tat-TKA fl-implimentazzjoni tat-TKA permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/649². L-Unjoni ilha ħafna wkoll tipprovdi assistenza għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, filwaqt li tappoġġa l-iżvilupp ta' oqfsa legali u kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju.
- (6) L-Unjoni tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSCR) li tagħti mandat għal kontrolli effettivi tat-trasferiment fuq oġġetti relatati mal-armi tal-qerda massiva. Il-kontrolli żviluppatti għall-implimentazzjoni tal-UNCSR 1540 (2004), u dawk żviluppatti skont il-programmi ta' assistenza tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, jikkontribwixxu għall-kapaċità globali biex jiġi implimentat b'mod effettiv it-TKA billi, f'ħafna każijiet, il-liġijiet u l-proċeduri amministrattivi relatati mal-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u l-aġenziji responsabbli għalih jikkoinċidu ma' dawk relatati mal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali. Għaldaqstant, huwa kruċjali li tiġi żgurata koordinazzjoni mill-qrib bejn attivitajiet imwettqa fil-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u attivitajiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tat-TKA, inkluż l-attività b'appoġġ għas-Segretarjat tat-TKA.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1464 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi (ĠU L 335, 13.10.2020, p. 3).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/649 tas-16 ta' April 2021 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tas-Segretarjat tat-TKA b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 133, 20.4.2021, p. 59).

- (7) L-għadd kbir ta' attivitajiet previsti f'din id-Deċiżjoni jiġġustifika l-użu ta' żewġ entitajiet ta' implimentazzjoni. L-Uffiċċju Federali Ġermaniż għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Kontroll tal-Esportazzjoni (*Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle* - BAFA) ġie fdat mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bl-implimentazzjoni teknika tal-proġetti preċedenti relatati mal-kontroll tal-esportazzjoni. Il-BAFA għaldaqstant żviluppa ammont kbir ta' għarfien u tagħrif espert. Expertise France hija inkarigata mill-proġetti tal-Unjoni P2P relatati ma' oġġetti b'użu doppju. Ir-rwol ta' Expertise France fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ser jgħin biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni xierqa mal-proġetti relatati mal-oġġetti b'użu doppju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni effettiva tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA), l-Unjoni għandha twettaq attivitajiet bl-objettivi li ġejjin:
 - (a) it-tisħiħ jew l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi u l-għarfien espert għall-implimentazzjoni tat-TKA f'pajjiżi beneficijarji ġodda u eżistenti permezz ta' strumenti bħall-assistenza legali u t-taħriġ tal-uffiċjali tal-liċenzjar u tal-infurzar;
 - (b) sensibilizzazzjoni ta' pajjiżi oħra, inkluż Statijiet mhux Parti għat-TKA, bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-universalizzazzjoni tat-TKA fil-livelli nazzjonali, reġjonali u multilaterali.

2. Sabiex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha twettaq l-attivitajiet proġettwali li ġejjin:
 - (a) involviment mal-komunità ta' esperti: tali attivitajiet ser jiffukaw fuq l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni ma' u fost esperti mill-grupp ta' esperti fil-qafas tal-proġetti stabbiliti skont id-Deċiżjonijiet 2013/768/PESK u (PESK) 2017/915, kif ukoll ma' esperti ġodda, speċjalment dawk minn pajjiżi beneficijarji u pajjiżi li kienu beneficijarji fil-kuntest tal-proċess ta' tneħħija gradwali;

- (b) attivitajiet nazzjonali: ser jiġu offruti attivitajiet nazzjonali lil pajjiżi benefiċjarji individwali abbażi ta' programm ta' assistenza apposta mfassal skont il-bżonnijiet speċifiċi tal-pajjiż benefiċjarju kkonċernat;
- (c) żjarat ta' studju: iż-żjarat ta' studju jagħtu lill-pajjiżi benefiċjarji l-opportunità li jkollhom aċċess għall-awtoritajiet u l-uffiċjali tal-gvern f'pajjiżi oħra li japplikaw it-
TKA;
- (d) assistenza mmirata fuq perijodu qasir dwar kwistjonijiet speċifiċi jew kwistjonijiet imqajma minn pajjiżi benefiċjarji;
- (e) approċċ ta' ħarreġ lil min iħarreġ li jikkonsisti f'sessjonijiet ta' ħidma u pjattaforma online;
- (f) attivitajiet reġjonali, transreġjonali u internazzjonali bi tweġiba għal talbiet minn pajjiżi benefiċjarji li jixtiequ jitgħallmu mill-esperjenza ta' pajjiżi f'partijiet oħra tad-dinja;
- (g) avvenimenti sekondarji fil-marġini tal-Konferenzi tal-Istati Parti għat-
TKA;
- (h) konferenza tal-għeluq biex jiżdedu s-sensibilizzazzjoni u s-sjieda tat-
TKA fost il-pajjiżi sħab, il-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-parlamenti nazzjonali, l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Fl-Anness tinsab deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet proġettwali msemmija f'dan il-paragrafu.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentat Għoli") għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi organizzata mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż għall-Ekonomija u l-Kontroll tal-Esportazzjoni (*Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle*–BAFA) u minn Expertise France.
3. Il-BAFA u Expertise France għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-BAFA u Expertise France.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 3 499 892,39. Il-baġit totali stmat tal-proġett globali għandu jkun ta' EUR 3 824 892,39. Il-parti ta' dak il-baġit stmat mhux koperta mill-ammont ta' referenza għandha tingħata permezz ta' kofinanzjament mill-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehimiet meħtieġa mal-BAFA u Expertise France. Il-ftehimiet għandhom jistipulaw li l-BAFA u Expertise France għandhom jiżguraw il-viżibilità tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni ta' dawk il-ftehimiet.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-entitajiet ta' implimentazzjoni. Ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(3), jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk dawk il-ftehimiet ma jkunx ġew konklużi f'dak il-perijodu.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

[...]
